**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 7.10.07: Is-27 ĦADD TAS-SENA.**
**IT-TNEJN, 8.10.07:** Illum isir r-Rużarju fil-beraħ u jmiss fiz-zona ta' Dun Luqa.
Nagħmel appell lir-residenti ta' din iz-zona biex jiġu jieħdu sehem f'din it-talba għażiża.
**L=ERBGĦA, 10.10.07: TIFKIRA TAL-VITTMI TAL-GWERRA.**
Illum niftakru fil-vittmi tal-Bombi tal-Gwerra li waqgħu fuq ir-raħal tagħna.
**IS-SIBT, 13.10.07:** Illum taħbat it-tifkira tad-dehra tal-Madonna ġewwa Fatima.
Fis-6.15a.m. quddiesa bl-omelija dwar id-dehriet ta' Fatima u tkun intenzjoni ta' Salvu Mercieca.
**Il-ĦADD, 14.10.07: FESTA TAD-DEDIKAZZJONI TAL-KNISJA KATIDRALI**

**JUM IL-KATEKIZMU**

## HINIJIET TAL-MUSEUM

Il-Ħin tal-lezzjonijiet tad-Duttrina tat-tfal subien li jattendu fil-Museum huwa hekk:
Minn Year 4 sa Form 1 ikun fis-6.00p.m.
Minn Form 2 'l fuq ikun fit-7.45p.m.
Nagħmel appell lill-ġenituri biex jibgħatu lil uliedhom għall-lezzjonijiet tad-duttrina. Dawk li jfallu ma' jiġux aċċettati għas-sagramenti.

## PROVI TAL-KOR TAT-TFAL

Nhar il-Ġimgħa se jibdew l-provi tal-Kor tat-Tfal. Dawn il-provi jkunu kull nhar ta' Ġimgħa wara l-quddiesa ta' fil-għaxija.

## IL-BIBBJA FIL-FAMILJA

Din is-sena tal-pastorali hija dedikata lill-Kelma ta' Alla miktuba : il-Bibbja.
Għalhekk, qegħdin nistiednu lill-familji kollha biex fid-dar ikollhom xbieha tal-Madonna f'post ċentrali tad-dar bil-ktieb tal-Bibbja miftuħ ħdejjha.
L-iskop huwa li matul din is-sena l-Bibbja tkun dejjem quddiemna u bħal Madonna (kif jgħidilna l-Evanġelju) nimmeditaw il-kelma ta' Alla miktuba għalina.
Tajjeb li ħdejn il-Bibbja titpoġġa xema li turi li l-Kelma ta' Alla hija dawl għal ħajjitna.
Din ir-rokna fid-dar għandha tkun l-isbaħ ħaġa

## IL-KELMA TA' ALLA GHALIK

Dan huwa l-isem tal-Fuljett li qed jasallek ma' dan il-Bullettin u se jitwassal lilek kull ġimgħa. Se jkun fih silta mill-Evanġelju tal-Ħadd b'riflessjoni u talba. B'hekk f'din is-sena dedikata lill-kelma ta' Alla l-messaġġ tal-Ħadd jiġi fil-familji biex inkomplu nirriflettu fuqu.
Tajjeb għalhekk li l-familja ssib ħin biex tagħmel użu tajjeb minn dan il-fuljett u tħajjar lill-membri tal-familja biex jaqsmu bejniethom ir-riflessjonijiet fuq din il-Kelma ħajja.

## LAQGHA TA' TALB GHALL-IRGIEL.

Nhar l-Erbgħa, 10 ta' Ottubru, se nerġgħu nibdew il-laqgħat ta' talb għall-Irġiel. Il-Ħin ikun fis-7.30p.m. u l-post ikun fil-knisja.
Nistieden lill-Irġiel kollha biex jiġu jieħdu sehem ma' sħabhom f'dawn il-mumenti sbieħ.